MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 267/2015

**Ozosystem Limited (C-9023)**

**VS**

**Stream Logue Services Limited (C-56753)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat minn Mario Muscat in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici tat-23 ta' Marzu 2015 li jaqra hekk:

*"__Dikjarazzjoni tal-Fatti__:-*

1. *Illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' esponenti fis-somma ta' hmistax-il elf u tnax-il ewro u ghaxar centezmi (€15,012.10), liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi lis-socjeta' intimata mis-socjeta' esponenti fuq inkarigu tal-istess socjeta' intimata, u dana skond ma jirrizulta mill-istatement tal-kont mizmum mas-socjeta' esponenti, liema statement qed jigi hawn anness u markat Dokument "**OS1**";*

2. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' intimata sabiex isir l-hlas dovut u sabiex is-sitwazzjoni tigi regolarizzata, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;*

3. *Illi ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;*

***__Raguni tat-Talba__**:-*

4. *Illi s-socjeta' intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas is-somma imsemmija, izda baqghet inadempjenti*

5. *Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u ghalhekk jezistu l-elementi kollha preskritti mid-disposizjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 sabiex it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh tal-karenza billi sa fejn taf s-socjeta' rikorrenti, s-socjeta' intimata ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq;*

***__Talbiet__**:-*

*Tghid ghalhekk s-socjeta' intimata ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess u b'dispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara lis-socjeta' intimata bhala debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma hmistax-il elf u tnax-il ewro u ghaxar centezmi (€15,012.10), liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi lis-socjeta' intimata mis-socjeta' esponenti fuq inkarigu tal-istess socjeta' intimata, u dana skond ma jirrizulta mill-istatement tal-kont mizmum mas-socjeta esponenti, liema statement qed jigi hawn anness u markat Dokument "**OS1**";*

3. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti dik is-somma hekk dovuta.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 453/2015PA kummercjali mit-28 ta' Frar 2015, id-data ta' meta kellha tithallas l-ahhar fattura, sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ingunta in subizzjoni."*

Rat id-digriet tal-25 ta' Marzu 2015 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-Hamis 16 t'April 2015 fis-12.45pm;

Rat illi s-socjeta' intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat, d-digriet ta' din il-Qorti u l-avviz tas-smiegh skond il-ligi;

Rat illi s-socjeta' intimata jew rapprezentant taghha ma deherx fil-25 ta' Mejju 2015 u fl-10 ta' Gunju 2015;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici Ozosystem Limited, illi l-istess socjeta' ghandha negozju ta' servizz ta' tindif f'intraprizi u stabbilimenti , u negozzju fuq importazzjoni ta' prodotti tat-tindif – vide Dok. OS a fol. 7 - affidavit ta' Mario Muscat.

Is-socjeta' attrici kienet pprovdiet diversi servizzi tat-tindif lis-socjeta' intimata, kif jirrizulta mill-istatements ezebiti a fol. 5 u 6.

Minkejja li s-socjeta' intimata kienet moghtija tletin gurnata kreditu mid-data tas-servizz moghti lilha, xorta wahda ma hallsitx dak dovut.

Il-Qorti rat illi s-socjeta' intimata, debitament notfikata fis-6 ta' Mejju 2015, ma qanqlet ebda kontestazzjoni, u baqghet ma dehret ghall-ebda udjenza tal-Qorti.

Il-Qorti qieset illi ma jeszistix ostakolo ghal-ghotja tas-sentenza.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens li :

1. Tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u takkorda sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma hmistax-il elf u tnax-il ewro u ghaxar centezmi (€15,012.10), liema ammont jirrapprezenta bilanc ta' prezz ghal servizzi rezi lis-socjeta' intimata mis-socjeta' rikorrenti fuq inkarigu tal-istess socjeta' intimata;

3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta’ hmistax-il elf u tnax-il ewro u ghaxar centezmi (€15,012.10),.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 453/2015PA u bl-imghax kummercjali mit-28 ta' Frar 2015, id-data ta' meta kellha tithallas l-ahhar fattura, sad-data tal-hlas effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------